



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6977/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0057(NLE)

PROBA 2
ACP 13
RELEX 189
AGRI 131
FORETS 15
WTO 65
DEVGEN 47
ENV 148

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Marzu 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 112 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali dwar l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali, 2006

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 112 final.

Mehmuż: COM(2021) 112 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.3.2021
COM(2021) 112 final

2021/0057 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali
dwar l-Injam Tropikali dwar l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam
Tropikali, 2006**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċizzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali (minn hawn 'il quddiem ITTC), b'konnessjoni mal-estensjoni proposta tal-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali, 2006 (minn hawn 'il quddiem ITTA, 2006 jew "il-Ftehim").

2. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali, 2006

L-ITTA, 2006 għandu l-għan li jippromwovi l-espansjoni u d-diversifikazzjoni tal-kummerċ internazzjonali ta' injam tropikali minn foresti ġestiti b'mod sostenibbli u maħsuda legalment u li jippromwovi l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti li jipproduċu l-injam tropikali. L-Unjoni Ewropea hija parti mill-ITTA, 2006¹.

L-ITTA, 2006 issostitwixxa l-ITTA, 1994, filwaqt li l-ewwel ITTA kien adottat fl-1983 (ITTA, 1983).

L-ITTA, 2006 (adottat fl-2006) daħal fis-seħħ fis-7 ta' Diċembru 2011 għal perjodu ta' għaxar snin. Għalhekk, se jiskadi fis-6 ta' Diċembru 2021 sakemm l-ITTC ma jiddeċidix li, b'vot speċjali, jestendih, jinnegozjah mill-ġdid jew itemmu, skont l-Artikolu 44(1) tal-ITTA, 2006. L-ITTA, 2006 jista' jiġi estiż għal perjodu inizjali ta' ħames snin u perjodu addizzjonali ta' tliet snin, skont l-Artikolu 44(2).

2.2. Il-Kunsill Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali

Skont l-Artikolu 6(1) tal-ITTA, 2006, l-ITTC huwa l-ogħla awtorità tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Injam Tropikali² (ITTO). L-ITTO tirrappreżenta madwar 80 % tal-foresti tropikali tad-dinja u aktar minn 90 % tal-kummerċ tal-injam u fil-prodotti tal-injam. L-ITTC jikkonsisti mill-membri kollha tal-ITTO. L-ITTO għandha żewġ kategoriji ta' sħubija: produttori u konsumaturi. Skont l-Artikolu 44(1) l-ITTC jista' jiddeċiedi, permezz ta' vot speċjali, li jestendi, jinnegozja mill-ġdid jew itemm l-ITTA, 2006, filwaqt li — skont l-Artikolu 44(2) — il-Ftehim jista' jiġi estiż għal perjodu inizjali ta' ħames snin u għal perjodu addizzjonali ta' tliet snin. Skont l-Artikolu 12(1), l-ITTC għandu jagħmel ħiltu biex jieħu d-deċizzjonijiet kollha u biex jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet kollha b'konsensus. Jekk il-konsensus ma jkunx jista' jintlaħaq, imbagħad l-ITTC għandu jieħu deċizzjoni dwar l-ITTA, 2006 permezz ta' vot speċjali, skont l-Artikolu 44(1). Skont l-Artikolu 2(8), "Vot speċjali" ifisser vot li jirrikjedi li tal-inqas żewġ terzi tal-voti mitfugħa jkunu mill-membri produttori preżenti u li jivvutaw u mill-inqas 60 % tal-voti mitfugħa jkunu mill-membri konsumaturi preżenti u li jivvutaw, magħduda separatament, bil-kondizzjoni li tal-inqas dawn il-voti jintefgħu minn tal-inqas nofs il-membri produttori preżenti u li jivvutaw, u minn tal-inqas nofs il-membri konsumaturi preżenti u li jivvutaw. Skont l-Artikolu 7(a), l-ITTC jista' wkoll jieħu deċizzjonijiet mingħajr ma jiltaqa'.

¹ 2007/648/KE: Id-Deċizzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2007 dwar l-iffirmar f'isem il-Komunità Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali, 2006 (ĠU L262 tad-9 ta' Ottubru 2007, p.6-7)

² L-ITTO kien stabbilit mal-ITTA, 1983

Il-membri tal-ITTC għandhom 2000 vot b'kollox (il-produtturi u l-konsumaturi għandhom 1000 vot kull wieħed). Il-kontribuzzjonijiet annwali u l-voti jitqassmu b'mod ugwali bejn dawn iż-żewġ caucuses. F'kull caucus, il-ħlasijiet dovuti u l-voti tal-membri individwali jiġu kkalkulati abbażi tal-kummerċ tal-injam tropikali u, fil-każ tal-produtturi, abbażi tal-firxa tal-foresti tropikali fil-pajjiż. L-UE tħallas l-akbar sehem ivvalutat tal-kontribuzzjonijiet (imħallas mill-Kummissjoni għall-Istati Membri kollha) għall-baġit amministrattiv tal-ITTO; u għandha l-ikbar numru ta' voti (u l-ikbar numru ta' membri konsumaturi) u jista' jkollha minoranza li timblokka fil-każ ta' vot speċjali.

2.3. L-estensjoni prevista tal-ITTA, 2006

L-ITTO esperjenzat problemi finanzjarji serji, b'rabta ma' investimenti ħżiena ta' fondi mit-tim managerjali preċedenti tas-Segretarjat, li wasslu għal telfa ta' \$ 18-il miljun, matul il-perjodu 2012-2015.

L-ITTO tinsab fi rkupru finanzjarju, għalkemm l-irkupru għadu fl-ewwel stadji tiegħu; qiegħda tindirizza n-nuqqasijiet finanzjarji u managerjali ta' proġetti u attivitajiet, u bdiet ir-riforma tal-arkitettura finanzjarja tagħha. Il-fażi pilota tal-arkitettura finanzjarja l-ġdida se tibqa' għaddejja sal-2022.

L-estensjoni tal-ITTA, 2006 se tagħti ż-żmien xieraq lill-ITTO u l-Membri tagħha biex ikompli jaħdmu fuq ir-riforma tal-arkitettura finanzjarja tal-organizzazzjoni u biex l-ITTO tistabbilizza finanzjarjament b'mod sħiħ, kif ukoll biex tiddetermina jekk ikunx jeħtieġ li l-ITTA, 2006 jgħaddi minn reviżjoni sostanzjali fil-futur.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

L-att previst huwa Deċiżjoni tal-Kunsill rigward il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni, abbażi tal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

L-għan ta' din il-proposta huwa li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill lill-Kummissjoni biex tagħti l-kunsens jew tivvota, f'isem l-Unjoni, favur l-estensjoni tal-ITTA, 2006 fi ħdan l-ITTC.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Princġipji

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu “l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

Il-kunċett ta' “atti li jkollhom effetti legali” jinkludi l-atti li għandhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”³.

³ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-att li l-ITTC jista' jiddeċiedi li jadotta, jikkostitwixxi att li għandu effetti legali.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwarhom tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-oġettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali
dwar l-Injam Tropikali dwar l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam
Tropikali, 2006**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali, 2006 (ITTA, 2006) ġie konkluż mill-Unjoni bid-deċiżjoni tal-Kunsill 2011/731/UE⁴ u daħal fis-seħħ fis-7 ta' Diċembru 2011.
- (2) Skont l-Artikolu 44(1) tal-ITTA, 2006, il-Ftehim se jibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' għaxar snin, wara li jidħol fis-seħħ — sas-6 ta' Diċembru 2021 — sakemm il-Kunsill Internazzjonali tal-Injam Tropikali, ma jiddeċidix li permezz ta' vot speċjali f'konformità mal-Artikolu 12, jestendih, jinnegozjah mill-ġdid jew jitterminah f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dak l-Artikolu.
- (3) Il-Kunsill Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali — bħala l-ogħla awtorità tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Injam Tropikali (ITTO) — skont l-Artikolu 6 tal-ITTA, 2006, li jikkonsisti mill-membri kollha tal-ITTO jista' jiddeċiedi li jestendi l-ITTA, 2006 għal żewġ perjodi: perjodu inizjali ta' ħames snin u perjodu addizzjonali ta' tliet snin, skont l-Artikolu 44(2).
- (4) Il-Kunsill Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali se jieħu deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-ITTA, 2006, jew fil-57 sessjoni tiegħu li se ssir f'Novembru 2021 inkella b'mod intersessjonali permezz ta' proċess għat-teħid ta' deċiżjoni mingħajr laqgħa.
- (5) L-estensjoni tal-ITTA, 2006 għal perjodu inizjali ta' ħames snin hija fl-interess tal-Unjoni Ewropea, minħabba li l-ITTO għadha fl-istadji bikrin tal-irkupru finanzjarju u fil-proċess ta' riforma tal-arkitettura finanzjarja tagħha.
- (6) Jenħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali.

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/731/UE tat-8 ta' Novembru 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali tal-2006 (ĠU L 294, 12.11.2011, p. 1)

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali għandha tkun li tagħti kunsens jew tivvota favur l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar l-Injam Tropikali 2006, għal perjodu inizjali ta' ħames snin.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*